MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Numru. 603/2008

**Illum 11 ta' Lulju 2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Mohammed Ibrahim Hsuna Sultan ta' 24 sena bin Ibrahim u Grnassa ne` Sof, imwieled Tarhuna, Libja, fis-17 ta' Mejju, 1984 u joqghod San Pawl, detentur tal-passaport Libjan 600860**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoniji migjuba kontra l-imputat u cioe` talli nhar fid-9 ta' Lulju, 2008, fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, mal-wasla tieghu minn Tripoli fuq titjira KM697, xjentement naqas li jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu,

aktar minn ghaxart elef Ewro (€10,000) lill-Kontrollur tad-dwana, ai termini ta' l-A.L. 149 ta' l-2007 dwar il-Kontroll ta' Flus;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew irceva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti ta' flus Ewro falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati, ai termini ta' l-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, xjentement, naqas li jiddikjara lill-Ufficjal tad-Dwani kwantita ta' sigaretti kif deskritt hawn that, liema sigaretti instabu mohbij, ma *Satellite Dishes u Receivers,* wara tfittxija li saret mill-ufficjali tad-Dwana:

1) 50 kartuna b'200 sigarett kull pakkett tal-marka ***Capital***
2) Kartun b'200 sigarett tal-marka ***Rothmans***

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom Valur totali ta' €295.80, Dazju tas-Sisa dovut ta' €1117.10 u wkoll Dazu ta' Importazzjoni u Taxxa Fuq Valur Mizjud (VAT.) li jammontaw ghal €170.38 u €284.99 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewwx imhallsa u/jew kawtelati.

Dawn is-sigaretti, kif ukoll is-*SateliteDishes* u *Receivers* flimkien ma l-accessorji taghhom, inqabdu b'Nota ta' Qbid 115/2008.

Dan bi ksur ta' l-artikoli:

80 ta' lAtt dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1988), 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37. Kif ukoll Artikoli 16(1)(j) u 17(a) u kif ukoll Artikolu 7 tar-Regolamenti dwar it-Tabakk Manifatturat, ta' l-Att

XVI ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa, Kap 382, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens mghoti mill-Avukat Generali ai termini ta' l-Avviz Legali 149/07;

Rat il-letters to prosecute tad-Dipartiment tad-Dwana u tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Semghet l-ammissjoni mghamula mill-imputat llum stess liema ammissjoni giet irrijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena l-Qorti pero sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt illi huwa ikkollabora bis-shih mal-pulizija u ma l-Ufficjali tad-Dwana.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 3 ta' l-Avviz Legali 149 tat-2007, l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1988), 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, l-artikoli 16(1)(j) u 17(a) u kif ukoll artikolu 7 tar-Regolamenti dwar it-Tabakk Manifatturat, ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa, Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta. Issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal multa ta' tmint elef, erba' mija u sebgha u sebghin euro u wiehed u erbghin centezmu (€8477.41) kif ukoll ghall-perjodu ta' tlettax il-xahar prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna l-konfiska ta’ hmistax il-elf u erbghin euro (€15040) u cioe` dak l-ammont ta’ flus li jeccedu l-ghaxart elef euro (€10000) esebiti illum fl-atti bhala dokumenti I,J. K, kif ukoll il-konfiska ta’ l-oggetti esebitit formalment bhala Dokumenti C & D.

Il-Qorti torda illi il-multa inflitta illum tigi mnaqqsa mill-flus li gew esebiti llum taht l-awtorita tal-Qorti u ikkonfiskati u ghal dan il-ghan tawtorizza lill-Kontrollur tad-Dwana jizbanka s-somma ta’ elf, mitej u seba’ u tmenin euro u tmienja u erbghin centezmu (€1,287.48) u lill-Kummisarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jizbanka s-somma ta’ mitejn u erba’ u tmenin euro u disa’ u disghin centezmu (€284.99) mill-imsemmija flus.

Il-Qorti finalment tawtorizza lill-imputat sabiex jizbanka il-bilanc u cioe l-ammont ta’elf, hames mija u tnejn u ghoxrin euro u disa’ u hamsin centezmu (€1522.59).

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegnwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkomettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Il-Qorti finalment qed tordna li kopja ta’ l-atti u tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------